**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/051 |
| **Allegazzjoni:** | Użu indebitu ta' fondi pubbliċi sabiex tingħata pubbliċità lill-Ministru Miriam Dalli |
| **Ilmentatur:** | Il-Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 2 ta' Mejju 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 24 ta' Ottubru 2024 |

**L-Ilment**

1. Fit-2 ta' Mejju 2023, il-Professur Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Dr Miriam Dalli, il-Ministru għall-Ambjent, u tas-Sur Steve Ellul, dak iż-żmien kap eżekuttiv tal-aġenzija tal-gvern Project Green, talli "*ikkuntrattjaw bi ħlas lill-kantanta Ira Losco biex tikteb fuq Facebook li taparsi hija u l-familja tagħha kuntenti ħafna bil-Project Green ta' Dalli u Ellul*." L-Ilmentatur ta din l-interpretazzjoni tal-każ:

> *1. Pubbliċità falza, għax Ira Losco qed tagħmel pubbliċità politika okkulta, għax imħallsa minn politiċi.*
>
> *2. Miriam Dalli u Steve Ellul qed jużaw flus it-taxpayer biex jirreklamaw l-interessi politiċi tagħhom.*
>
> *3. Miriam Dalli u Steve Ellul qed jużaw l-uċuħ tat-tfal ta' Ira Losco (ara anness) biex jagħmlu reklamar politiku għalihom. Dana jmur kontra l-liġi.*

2. L-Ilmentatur hemeż mal-ilment tiegħu screenshot ta' kitba ta' Ira Losco fuq Facebook dwar il-park pubbliku ta' Bengħajsa, li kienet tinkludi ritratti tas-Sa. Losco u l-familja tagħha f'dan il-park. L-Ilmentatur għamel referenza wkoll

għal artiklu li kien ġie ppubblikat dakinhar stess mill-ġurnal elettroniku *The Shift*.[1] L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

3. Fl-1 ta' Lulju 2023 l-Ilmentatur reġa' kiteb lil dan l-Uffiċċju. Huwa rrefera għal artiklu ġdid ippubblikat minn *The Shift* fejn ġie allegat li l-kuntratt tas-Sa. Losco kien jobbligaha turi ritratti tagħha u tat-tfal tagħha mal-kitbiet biex tippromwovi l-parks li kienu qegħdin jiġu rranġati minn Project Green.[2] L-Ilmentatur qal "*A minister and an aspiring MEP are so desperate for votes that they are unashamedly ready to utilise the faces of young children in publicly funded adverts to promote their political careers, aims and aspirations*." Dan il-messaġġ huwa anness bħala d-**Dokument B**.

4. Fl-14 ta' Lulju 2023 l-Ilmentatur bagħat messaġġ ieħor lil dan l-Uffiċċju (anness bħala d-**Dokument Ċ**). Huwa kkwota diversi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u qal li bis-saħħa tagħhom l-istat huwa obbligat jara li t-tfal ma jiġux sfruttati.

**Il-Kuntest**

5. Fit-2 ta' Mejju 2023, *The Shift* irrapportat permezz tal-artiklu li rrefera għalih l-Ilmentatur fil-messaġġ oriġinali tiegħu li l-kantanta Ira Losco kienet ġiet ingaġġata mill-aġenzija Project Green biex tippromwovi l-proġetti tal-aġenzija permezz ta' kitba fuq il-midja soċjali. *The Shift* qalet ukoll li fil-kitbiet tagħha s-Sa. Losco kienet qed tinkludi links għall-paġni personali tal-Ministru Miriam Dalli u tas-Sur Steve Ellul, li kien kandidat prospettiv għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

6. Fl-1 ta' Lulju 2023, fl-artiklu li rrefera għalih l-Ilmentatur fit-tieni messaġġ tiegħu, *The Shift* qalet fost affarijiet oħra li s-Sa. Losco ma baqgħetx tinkludi links għall-paġni personali tal-Ministru Dalli u tas-Sur Ellul fil-kitbiet promozzjonali tagħha.

---

1 Ara https://theshiftnews.com/2023/05/02/ira-losco-promoting-politicians-through-public-contract/.

2 Ara https://theshiftnews.com/2023/07/01/ira-losco-being-paid-e417-per-social-post-promoting-project-green/.

**Indaġni Preliminari u Deċiżjoni Parzjali Dwar l-Ilment**

7. Hekk kif irċieva l-ewwel messaġġ mingħand l-Ilmentatur, dan l-Uffiċċju kkonferma li s-Sa. Losco kienet tellgħet xi kitbiet fuq Facebook biex tippromwovi parks pubbliċi. F'dawn il-kitbiet hija nkludiet it-tags @projectgreenmt, @sostenibilita.govmt, @ellulsteve, u @miriamdalli. It-tielet u r-raba' tags kienu links għall-paġni personali ta' Steve Ellul u Miriam Dalli rispettivament fuq Instagram.

8. Fl-4 ta' Mejju 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lis-Sur Steve Ellul, il-kap eżekuttiv tal-aġenzija Project Green, biex jitlob kopja tal-kuntratt bejn l-aġenzija u s-Sa. Losco.

9. Fid-19 ta' Mejju 2023 wieġeb l-Avukat Nicholas Valenzia għan-nom ta' Project Green u s-Sur Ellul. Mal-ittra tiegħu huwa hemeż skambju ta' emails li permezz tagħhom kien sar ftehim bejn l-aġenzija u s-Sa. Losco biex hija tippromwovi l-parks amministrati minn Project Green. Ebda persuna mill-Ministeru għall-Ambjent ma kienet involuta jew ikkopjata f'dan l-iskambju. L-Avukat Valenzia qal li ma kien hemm ebda ftehim ieħor.

10. L-emails ipprovduti mill-Avukat Valenzia kienu redatti u ma kinux juru l-identità ta' min kien qed jikkomunika mas-Sa. Losco f'isem Project Green. Dan l-Uffiċċju ma jaċċettax redazzjonijiet fil-provi li jiġu fornuti lilu, iżda kif se jiġi ndikat 'il quddiem f'dan ir-rapport, l-istess emails ġew fornuti minn xhud mingħajr redazzjonijiet. Għalhekk is-sottoskritt ma ħassx il-bżonn li jieħu azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' dawn l-emails.

11. Fl-ittra tiegħu, l-Avukat Valenzja talab kopja tal-ilment sabiex Project Green u s-Sur Steve Ellul ikunu jistgħu "*jiddefendu il-pożizzjoni tagħhom skont il-liġi*".

12. L-artikolu 3 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) japplika għal deputati parlamentari u persuni ta' fiduċja. L-artikolu 2 tal-Att ifisser il-kliem "persuni ta' fiduċja" bħala:

- persuni ingaġġati minn barra l-amministrazzjoni pubblika sabiex iservu bħala konsulenti ta' ministri jew segretarji parlamentari, jew bħala membri tas-segretarjati tagħhom;
- persuni ingaġġati biex jimlew karigi fl-amministrazzjoni pubblika li jibqgħu vakanti wara sejħiet pubbliċi ripetuti; u

- persuni oħra ingaġġati taħt l-artikolu 6A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

13. Bħala kap eżekuttiv tal-aġenzija Project Green, is-Sur Steve Ellul ma kienx jaqa' taħt din id-definizzjoni limitata u għaldaqstant ma setax jiġi investigat minn dan l-Uffiċċju.[3] Għalhekk, fit-13 ta' Ġunju 2023 is-sottoskritt ħareġ deċiżjoni parzjali li ma setax jinvestiga l-ilment fir-rigward tas-Sur Ellul (kopja annessa bħala d-**Dokument D**). Din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lill-Ilmentatur.

14. Fl-14 ta' Ġunju 2023 is-sottoskritt kiteb lill-Avukat Valenzia biex jinfurmah li ma kinitx qed tittieħed konjizzjoni tal-ilment fir-rigward ta' Project Green u s-Sur Steve Ellul billi dawn ma kinux jaqgħu taħt l-Att.

15. Fil-kors tal-indaġni preliminari ta' dan l-Uffiċċju, irriżulta li Project Green stess ippubblikat xi sponsored posts (effettivament riklami) fil-paġna uffiċjali tagħha fuq Facebook fejn ġiet "tagged" il-paġna personali tal-Ministru Miriam Dalli. Is-Sa. Losco ma kinitx involuta f'dawn l-isponsored posts.

16. Fl-14 ta' Ġunju 2023, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Dalli biex jiġbdilha l-attenzjoni għal dawn l-isponsored posts (**Dokument E**). F'din l-ittra s-sottoskritt qal:

> *Għandi ninformak li hija prattika etikament dubjuża li l-paġni personali ta' individwi jiġu "tagged" f'posts uffiċjali jew posts imħallsa minn fondi pubbliċi, b'mod partikolari meta jkunu sponsored posts. Dawn jistgħu jesponuk għall-akkuża li qed tibbenefika minn pubbliċità personali permezz ta' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. Għaldaqstant nistiednek tagħti l-istruzzjonijiet li jidhirlek xierqa fiċ-ċirkostanzi.*
>
> *Din l-ittra hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' investigazzjoni dwar l-isponsored posts in kwistjoni, jekk dan l-Uffiċċju jirċievi ilment dwarhom.*

[3] L-Ilmentatur iġġustifika l-inklużjoni tas-Sur Steve Ellul bħala wieħed mis-suġġetti tal-ilment billi ddeskrivih bħala PEP, jew persuna politikament esposta, iżda dan huwa irrelevanti għaliex l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika ma jagħmel ebda referenza għall-istatus ta' individwu bħala PEP.

17. Fit-22 ta' Ġunju 2023, is-sottoskritt reġa' kiteb lill-Ministru Dalli (**Dokument F**) sabiex jinformaha formalment dwar l-ilment u jitlob il-veduti tagħha dwaru safejn kien jirrigwarda lilha.

18. Il-Ministru Dalli wieġbet iż-żewġ ittri ta' dan l-Uffiċċju fid-19 ta' Lulju 2023 (**Dokument G**). Fir-rigward tal-ilment, hija qalet:

> [...] *ninfurmak li l-ittaggjar tal-profil personali tiegħi fl-ebda ħin ma kien awtorizzat minni, lanqas ma sar fuq talba jew struzzjonijiet tiegħi.*
>
> *Nikkonferma li la jien u lanqas ħadd mill-persuni adetti fil-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħi ma kienu nvoluti fil-ġestjoni tal-komunikat in deżamina, fil-korrispondenza u/jew negozjati illi saru bejn l-entità Project Green u Ira Losco.*

19. Fir-rigward tal-isponsored posts ta' Project Green, il-Ministru Dalli qalet:

> *B'referenza għall-komunikazzjoni tal-uffiċċju tiegħek datata l-14 ta' Ġunju 2023 jiena tlabt lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Project Green, sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha u jara li ma jsirx tagging tal-profil tiegħi kull meta jkun hemm sponsored posts.*
>
> *Tlabtu wkoll biex jagħti direzzjoni ċara lil min qed jiġġestixxi l-komunikazzjoni ta' dik l-entità ħalli dan ma jerġax isir fil-futur.*

20. Il-Ministru Dalli annettiet mal-ittra tagħha skambju ta' emails datati 28 u 30 ta' Ġunju 2023 (**Dokument G1**) fejn hija talbet lill-kap eżekuttiv ta' Project Green biex ineħħi t-tags għall-paġni personali tagħha mill-isponsored posts tal-aġenzija, u jara li ebda paġna personali ma tiġi ittaggjata fi sponsored posts uffiċjali.

**Investigazzjoni Formali**

21. Is-sottoskritt deherlu li aktar provi kienu meħtieġa f'dan il-każ. Għaldaqstant beda investigazzjoni formali tal-ilment u ħarrek lis-Sa. Ira Losco biex tixhed. Hija dehret biex tixhed fit-23 ta' Ottubru 2023 (sommarju tax-xhieda annessa bħala d-**Dokument H**).

22. Is-Sa. Losco xehdet li daħlet fil-ftehim ma' Project Green wara li ċemplitilha Pamela Cann Rodgers, impjegata ta' Project Green. Qalet li Dr Cann Rodgers:

*kienet rat xi posts illi ntella' jiena meta mmur xi parks mat-tfal. Hemm minnhom li kienu ta' Project Green hemm minnhom li le, għax dejjem infittex xi postijiet biex immur mat-tfal, u staqsietni jekk iniex interessata nkun speċi ta' brand ambassador għal Project Green. Jien imbagħad ovvjament għidtilha li by email ħa nibgħatilha r-rati tiegħi bħala influencer għax dana huwa xogħol illi nagħmel jiena minbarra x-xogħol tiegħi. Insomma, bgħattilha r-rati u ftehmna over email li ser nagħmel ċertu tip ta' xogħol illi mmur il-parks, u nieħu xi ritratti u ntella' xi posts, and that's it really.*

23. Mistoqsija jekk kellhiex kuntatt dirett mal-Ministeru għall-Ambjent, is-Sa. Losco qalet li qatt ma kellha kuntratt dirett mal-ministeru jew mal-Ministru Miriam Dalli.

24. Fir-rigward tat-tagging tal-posts, is-Sa. Losco qalet:

*Mela, jiena kelli intella' per eżempju, ġiex posts, mingħalija kull xahar, u ovvjament nittaggja 'l Project Green u Sostenibilità Malta. At some point, fil-bidu ta' dan il-ftehim, hi* [Pamela Cann Rodgers] *bagħtitli messaġġ illi jien għandi bżonn nittaggja lil Project Green, Sostenibilità Malta, Miriam Dalli u Steve Ellul, which I did for three posts, till I got called by Shift News* [...]

*Ovvjament I hadn't thought much of it, any of it, and I just did it, for three posts. Then obviously there was the whole controversy, I hate being part of controversy, I don't need it in my life, so I stopped tagging, I just tagged Project Green and Sostenibilità Malta. And then I continued obviously with my work that I was required to do. They basically used to give me a new park that just opened for example, I'd go and visit, either with my children or alone, depending on what the park offers, jien naf for example the University park I went alone, the parks where children can play I went with them, and I post.*

25. Mistoqsija jekk, fl-opinjoni tagħha, Pamela Cann Rodgers kienet qed taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha meta staqsietha biex tittaggja lill-Ministru Dalli, s-Sa. Losco qalet li ma tafx. Qalet "*għalija it was just like something I was asked to do and I just did it, because when I do work for other clients I'm asked to tag this, that and the other and – fis-sens it just comes naturally to do it but I don't know*."

26. Mistoqsija jekk xi ħadd qalilha biex ma tkomplix tittaggja lill-Ministru Dalli wara li tellgħet it-tliet posts li rreferiet għalihom, qalet "*no, no one told me but they were right after each other. On Instagram they are still there, the posts are still there with the tags, I did not remove those. So the three where I tagged the Minister and Steve Ellul are still there and they're in the same period of time, like a week or so*."

27. Is-Sa. Losco ntalbet tforni l-iskambji ta' emails li kellha ma' Dr Cann Rodgers, kif ukoll screenshots tal-iskambji ta' messaġġi. Uħud minn dawn il-messaġġi kienu fil-forma ta' voice recordings, u ntalbet tforni dawn ukoll. Is-Sa. Losco għamlet kif mitlub. Fost materjal ieħor, hija pprovdiet l-istess skambju ta' emails li ġew fornuti lil dan l-Uffiċċju mill-Avukat Nicholas Valenzia fid-19 ta' Mejju 2023, iżda mingħajr redazzjonijiet. Il-messaġġi bil-Whatsapp, sew dawk bil-miktub u sew il-voice recordings, jittrattaw dwar il-parks li kellha żżur is-Sa. Losco u kwistjonijiet relatati ta' natura loġistika jew amministrattiva.

28. Minn dan il-materjal kollu jirriżultaw relevanti dawn il-messaġġi bil-Whatsapp:

- Kmieni f'April tal-2023, Pamela Cann Rodgers talbet is-Sa. Losco tittaggja Project Green fil-kitbiet promozzjonali tagħha skont il-ftehim.
- Aktar tard dakinhar, qaltilha "*Aw agħmilli pjaċir take down the stories where there is parks tagged għax we are trying to kill the page down. Parks no longer exists. It is PG* [Project Green]." Is-sottoskritt jifhem li l-paġna uffiċjali intitolata "Parks" tneħħiet u t-tags għal din il-paġna saru invalidi.
- Fid-19 ta' April 2023, Dr Cann Rodgers qalet "*When you are tagging, can you tag pls project green, sostenibbiltà, Miriam Dalli and Steve Ellul. It is imp that both minister and ceo are tagged and parks is omitted*."

29. L-iscreenshots li fihom dawn l-iskambji qegħdin jiġu riprodotti bħala d-**Dokument I**.

30. Tħarrket ukoll Dr Pamela Cann Rodgers, li dehret biex tixhed fl-20 ta' Novembru 2023 (sommarju tax-xhieda annessa bħala d-**Dokument J**).

31. Dr Cann Rodgers qalet li kienet Head of Communications and Stakeholder Management fl-aġenzija Project Green. Qalet li kienet tagħha l-idea li tikkuntattja lil Ira Losco għaliex is-Sa. Losco għandha numru kbir ħafna ta' segwaċi fuq il-mezzi soċjali. Barra minn hekk, is-Sa. Losco tħobb l-ambjent, ġieli

ħadet pożizzjoni favur l-ambjent, u kienet iżżur il-parks. Għalhekk Dr Cann Rodgers dehrilha li kien jagħmel sens li Project Green tikkollabora mas-Sa. Losco biex tippromwovi l-użu tal-parks. Hija għamlet dan bl-approvazzjoni tas-Sur Steve Ellul bħala kap eżekuttiv ta' Project Green.

32. Mistoqsija jekk ħaditx direzzjoni mingħand xi ħadd fl-għażla tal-parks li kellha ssir promozzjoni tagħhom mis-Sa. Losco, Dr Cann Rodgers qalet "*normalment jien kont naħdem b'liem niftħu l-aħħar* [...] *jiġifieri liem jinfetaħ l-aħħar ovvjament kienet tmur hemmhekk biex tgħinna nippromwovuh*."

33. Mistoqsija jekk kinitx hi li qalet lis-Sa. Losco lil min kellha tittaggja fil-posts tagħha, Dr Cann Rodgers wieġbet:

> *mela, jien fil-11 t'April, fl-email, speċifikament għidtilha li trid tittaggja lil Project Green, u hi kkwotat fuq dak, fuq it-tagging ta' Project Green. Ġimgħa wara ovvjament, ħsibtha naqa u bdejt nagħmel il-marketing plan, u meta kienet qed tittella' l-posts għidtilha ukoll biex tittaggja lill-Ministru u lis-CEO. Issa ovvjament nixtieq nirrimarka li l-prezz ma kienx inbidel, minn – jiġifieri baqa', flus ma ħallasniex jiġifieri għal dawk it-tags. Ovvjament kienet tagħmel sens from a marketing perspective li inti fil-verità qed tilħaq ħafna iktar nies, jiġifieri inti meta tittaggja, fuq "my stories" speċjalment, titlagħlhom bħala notification u jkunu jistgħu jixxerjawha, jiġifieri hekk inti għandek ir-reach ukoll tal-paġni tagħhom, jiġifieri, b'dak il-mod, qed nilħaq kważi d-doppju tan-nies u jiena dak kien l-interess tiegħi u, bħala persuna li jien responsabbli minn Project Green, li inti kemm jista' jkun, tilħaq kemm jista' jkun nies possibbli.*

34. Dr Cann Rodgers qalet li din l-idea kienet tagħha personali. Mistoqsija għalfejn ħasbet li kellhom jiġu ttaggjati l-Ministru u s-Sur Ellul, Dr Cann Rodgers qalet "*il-ħaġa li inti għandek awtomatikament iktar reach, jiġifieri dawn ikollhom il-followers tagħhom, il-mument li inti tittaggjahom, jitlagħlek fuq l-istories tagħhom u dawn jistgħu jagħmlu reshare u hekk tilħaq udjenza ferm ikbar*."

35. Mistoqsija jekk qatt tkellmitx mal-Ministru Dalli, Dr Cann Rodgers qalet "*fuq dan il-każ ta' Ira Losco le*". Mistoqsija jekk qatt tkellmitx jew kinitx tikkoordina ma' xi membri tas-segretarjat jew staff tal-Ministru Dalli, Dr Cann Rodgers qalet li "*f'każ ta' openings* [ftuħ ta' parks ġodda jew rinovati] *iva, imma f'dan il-każ ta' Ira Losco le*".

36. Fil-11 ta' Marzu 2024, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Dalli sabiex jinformaha li kien fetaħ investigazzjoni formali, iforniha bil-provi kollha miġbura skont kif jitlob l-Att, u jagħtiha l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali. Il-Ministru Dalli ġiet informata li l-provi kienu miġbura fuq CD, u intalbet tiġbor is-CD minn dan l-Uffiċċju jew tinnomina rappreżentant biex jiġbor is-CD f'isimha. Is-CD nġabret minn rappreżentant tal-Ministru.

37. Il-Ministru Dalli bagħtet is-sottomissjonijiet finali tagħha permezz ta' ittra datata 11 ta' April 2024 (**Dokument K**). Hija qalet fost affarijiet oħra li:

> *Għall-finijiet ta' kjarezza tajjeb niċċara li la jiena u lanqas il-Ministeru tiegħi ma kellu involviment fl-ingaġġ ta' Ira Losco. Tajjeb nenfasizza wkoll li l-istruzzjoni lil Ira Losco biex tittaggja lili fil-posts, ma ġietx minni jew mill-Ministeru tiegħi.* [...]
>
> *Fit-testimonjanza tagħha, il-Head of Communications ta' Project Green iġġustifikat it-tagging billi qalet illi riedet iżżid ir-reach, jiġifieri l-firxa tal-post u n-numru ta' nies esposti għalih. Dan ir-reach sintendi kien ħa jkun ferm ikbar jekk Ira Losco tittaggja wkoll lili għaliex dik il-post tiġi tidher ukoll fuq il-paġni tal-persuni tagged u għalhekk tiġi esposta wkoll għas-segwaċi ta' dawk il-paġni.*
>
> *Filwaqt li Ira Losco diġà għandha following kbir ħafna, b'157,000 fuq Facebook u 82,000 fuq Instagram, jien għandi 66,000 follower fuq Facebook u 21,000 follower fuq Instagram, Project Green għandha 4,500 followers fuq Facebook u kważi 1,000 fuq Instagram.*
>
> *It-tagging tal-paġna personali tiegħi għalhekk ma kienx intiż biex jippromwovi lili. Fil-fatt, fil-posts fejn ġejt ittaggjata jiena, Ira Losco ma tgħid xejn dwari u lanqas dwar il-Ministeru tiegħi: il-posts huma unikament u limitatament dwar il-park partikolari li kienet żaret. Imkien ma tfaħħarni personalment, u mkien ma tagħmel xi stqarrija jew dikjarazzjoni ta' natura politika.* [...] *Tajjeb ukoll insemmi, li l-budget allokat għal dawn ir-riklami baqa' l-istess (€5,000), u għalhekk it-tagging tal-paġna tiegħi ma kellu ebda impatt fuq ir-riżorsi pubbliċi.*

**Konsiderazzjonijiet**

38. Kif diġà ssemma, dan l-Uffiċċju m'għandu ebda ġurisdizzjoni fuq l-azzjonijiet tal-aġenzija Project Green jew tal-kap eżekuttiv tagħha. Dan l-

Uffiċċju għandu ġurisdizzjoni biss fuq l-azzjonijiet tal-Ministru Miriam Dalli f'dan il-każ.

39. Fil-korrispondenza tagħha ma' dan l-Uffiċċju, il-Ministru Dalli qalet li t-tagging ma kienx awtorizzat minnha. Dan ġie sostanzjat mix-xhieda ta' Dr Pamela Cann Rodgers, li qalet li l-idea tat-tagging kienet tagħha u hi minn rajha tat struzzjonijiet lis-Sa. Losco għal dan il-għan. Dan l-Uffiċċju ma ġabar ebda evidenza li tindika mod ieħor. L-aktar li jista' jingħad hu li meta l-paġna tagħha ġiet tagged, il-Ministru Dalli ma ħadet ebda azzjoni sakemm kitbilha s-sottoskritt (Dokument E). Fil-fehma tas-sottoskritt dan ma jammontax għal ksur ta' etika.

40. Għandu jingħad ukoll li meta kitbilha s-sottoskritt, il-Ministru Dalli tat struzzjonijiet fil-pront biex it-tagging min-naħa ta' Project Green jieqaf u t-tags eżistenti jitneħħew. B'hekk, għad li l-indaġni ta' dan l-Uffiċċju ma rriżulta f'ebda sejbien ta' ksur ta' etika, l-eżitu kien li ntemmet prattika etikament dubjuża. Dan hu żvilupp pożittiv fir-rigward tal-imġiba fil-ħajja pubblika.

41. Fis-sottomissjonijiet finali tagħha l-Ministru Dalli ddefendiet il-prattika tat-tagging, għalkemm iddikjarat li dan ma sarx fuq id-direzzjonijiet tagħha jew tal-ministeru mmexxi minnha. Hija rreferiet għan-numru ta' segwaċi tagħha fuq il-midja soċjali u qalet li bis-saħħa tat-tagging, il-kampanja pubbliċitarja ta' Project Green dwar il-parks pubbliċi setgħet tilħaq aktar nies.

42. Is-sottoskritt għalhekk itenni li mhix prattika tajba li individwu fil-politika jiġi ttaggjat f'kitbiet fuq il-midja soċjali li jkunu mħallsa minn fondi pubbliċi, b'mod partikolari meta jkunu sponsored posts. Dan jista' jitqies bħala benefiċċju mhux xieraq fil-forma ta' pubbliċità personali li qed jingħata lill-individwu konċernat permezz ta' fondi pubbliċi. Jekk dan it-tagging isir fuq struzzjonijiet ta' persuna li taqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, dan jista' potenzjalment jitqies bħala ksur ta' etika skont l-Att.

43. Dan it-tagging jibqa' ħażin anki jekk ma jwassal għal ebda żieda fin-nefqa fuq il-pubbliċità. Jekk ministru jidher li qed jibbenefika minn kampanja pubbliċitarja tal-gvern, wieħed faċli jaħseb li l-kampanja kollha kemm hi qed issir għall-benefiċċju tal-ministru u li l-iskop uffiċjali tagħha huwa biss pretest. Għalhekk huwa importanti li l-ministri ma jidhrux fil-pubbliċità li ssir mill-gvern.

44. Barra minn hekk, jekk entità tal-gvern ittella' jew tikkummissjona xi kitba fuq il-midja soċjali, il-ministru xorta jista' jagħmilha aċċessibbli mill-paġna personali tiegħu sabiex ixandarha lis-segwaċi tiegħu. Mhux meħtieġ li l-

ministru jiġi ttaggjat biex hu (jew min qed jamministralu l-paġna personali tiegħu) jkun jista' jagħmel dan.

45. Għandu jingħad iżda li entità tal-gvern m'għandhiex tistrieħ fuq il-ministru biex twessa' l-udjenza tagħha fuq il-midja soċjali, għaliex is-segwaċi tal-ministru x'aktarx ikunu fuq naħa politika waħda biss. Jekk kampanja ta' pubbliċità tassew għandha skop leġittimu, l-entità in kwistjoni għandha tara li din ma tilħaqx persuni li jżommu ma' partit wieħed biss. Sta għal kull entità li tiddefinixxi l-udjenza li trid tilħaq; tara kif tista' tilħaq dik l-udjenza (per eżempju, permezz ta' sponsored posts); u taħseb għal dan fl-ippjanar tal-kampanja u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

46. Finalment, l-Ilmentatur joġġezzjona għad-dehra tat-tfal tas-Sa. Losco fir-ritratti imtellgħin ma' wħud mill-kitbiet ikkummissjonati minn Project Green. L-Ilmentatur jallega li dan huwa kontra l-liġi (Dok. A) u jirreferi għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (Dok. Ċ). Din mhix materja li taqa' fil-kompetenza ta' dan l-Uffiċċju, sew għaliex ma jirriżultax li l-Ministru Dalli kienet involuta fl-ikkummissjonar tal-kitbiet, u sew għaliex il-Kummissarju għat-Tfal huwa l-awtorità kompetenti dwar il-ħarsien tat-tfal.

**Konklużjoni**

47. Għal dawn ir-raġunijiet is-sottoskritt ma jsib ebda ħtija da parti tal-Ministru Dalli u jiddikjara l-każ magħluq.

48. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Dalli, u lill-Kumitat tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 2 ta' Mejju 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Email datata 1 ta' Lulju 2023 mingħand il-Prof. Cassola. |
| Dokument Ċ | Email datata 14 ta' Lulju 2023 mingħand il-Prof. Cassola. |
| Dokument D | Deċiżjoni parzjali datata 13 ta' Ġunju 2023 li l-ilment ma jistax jiġi investigat fir-rigward tas-Sur Steve Ellul. |
| Dokument E | Ittra datata 14 ta' Ġunju 2023 lill-Ministru Miriam Dalli. |
| Dokument F | Ittra datata 22 ta' Ġunju 2023 lill-Ministru Dalli. |
| Dokument G | Ittra datata 19 ta' Lulju 2023 mingħand il-Ministru Dalli. |
| Dokument G1 | Skambju ta' emails datati 28 u 30 ta' Ġunju 2023 bejn il-Ministru Miriam Dalli u s-Sur Steve Ellul, Kap Eżekuttiv ta' Project Green. |
| Dokument H | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sa. Ira Losco fit-23 ta' Ottubru 2023. |
| Dokument I | Screenshots ta' skambji ta' messaġġi bil-Whatsapp bejn Dr Pamela Cann Rodgers u s-Sa. Ira Losco. |
| Dokument J | Sommarju tax-xhieda mogħtija minn Dr Pamela Cann Rodgers fl-20 ta' Novembru 2023. |
| Dokument K | Ittra datata 11 ta' April 2024 mingħand il-Ministru Dalli. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba Investigazzjoni Miriam Dalli u Steve Ellul
**Date:** Tuesday, 2 May 2023 10:21:26

---

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

Qieghed nitolbok tinvestiga l-agir mahmug tal-Ministru Miriam Dalli u tal-kandidat ghall-elezzjonijiet MEP Steve Ellul
Dawn it-tnejn ikkuntrattjaw bi hlas lill-kantanta IRA Losco biex tikteb fuq Facebook li taparsi hija u l-familja taghha kuntenti hafna bil-Project Green ta' Dalli u Ellul.
Ellul huwa direttur tal-Agenzija governattiva Project Green u ghalhekk PEP.
Il-mahmugata hija gravi ghal bosta ragunijiet:

1. Pubblicita' falza, ghax Ira Losco qed taghmel pubblicita politika okkulta, ghax imhallsa minn politici.

2. Miriam Dalli u Steve Ellul qed juzaw flus it-taxpayer biex jirreklamaw l-interessi politici taghhom.

3. Miriam Dalli u Steve Ellul qed juzaw l-ucuh tat-tfal ta' Ira Losco (ara anness) biex jaghmlu reklamar politiku ghalihom. Dana jmur kontra l-ligi.

Qed nallega ritratt u Holqa ghall-artiklu ta' theshiftnews.

https://theshiftnews.com/2023/05/02/ira-losco-promoting-politicians-through-public-contract/

Inselli ghalik

Arnold Cassola

10:09 • 47%

ira losco

VIDEOS POSTS PEOPLE GROUPS EVENTS PI



**Ira Losco** • Follow

23 Apr at 07:46 ·

We spent some time in the sunshine surrounded by greenery at Bengħajsa Family Park in Birzebbugia. The park has a huge open space where children can run and play, where one can picnic, either using the tables which are also wheelchair accessible or the grass. There are obstacle courses for the children to enjoy and a general feeling of serenity. One of the largest parks in Birzebbugia it's really worth the visit!

@projectgreenmt @ellulsteve @miriamdalli



DOKUMENT B

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Investigazzjoni Miriam Dalli u Steve Ellul
**Date:** 01 July 2023 12:16:42

---

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

A segwitu tal-artiklu li hareg f' the shiftnews:

https://theshiftnews.com/2023/07/01/ira-losco-being-paid-e417-per-social-post-promoting-project-green/

Qiegħed nehmeż il-kopja tal-press release tiegħi biex iżżidha mat-talba tiegħi għal investigazzjoni:

Press Release: Dirty Maltese politics

The Ira Losco contract just revealed by theshiftnews confirms to what pits Maltese politics have descended.

Two Maltese politicians, Miriam Dalli and Steve Ellul, are making use of public money to promote their public image and political campaigns.

This in itself would justify immediate resignations in any normal democracy.

But the behaviour of the two is even filthier: according to contract, the artist is also obliged to feature her children in the promos and events.

A minister and an aspiring MEP are so desperate for votes that they are unashamedly ready to utilise the faces of young children in publically funded adverts to promote their political careers, aims and aspirations.

What does the Commissioner for Childen's rights have to say about this?

The greed and lack of ethics in Maltese politics simply knows no bounds.

Arnold Cassola

Nirringrazzjak u nselli għalik,

Arnold Cassola

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Investiazzjoni Miriam Dalli....addendum
**Date:** 14 July 2023 08:26:58

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

B'riferenza ghall-investigazzjoni fil-konfront tal-Ministru Miriam Dalli fejn, fost affarijiet ohra, hija esplojtat lil tfal ghal fini politici, qieghed nissottometti s-segwenti:

The UN Convention on the Rights of the Child. Article 3 (1) states that “in all actions concerning children… the best interests of the child shall be a primary consideration”.

Article 3(2) insists that “States undertake to ensure the child such protection and care as is necessary for his or her well-being”.

Article 16 (1) is categorical: “No child shall be subjected to arbitrary interference with his or her privacy”.

And 16(2) states “The child has the right to the protection of the law against such interference”.

Article 19 (1) puts a huge responsibility on the State to protect children from exploitation even by their parents: “State parties shall take all appropriate legislative, administrative, social and educational measures to protect the child from all forms of exploitation while in the care of parent(s)”.

Article 32(1) obliges “State parties (to) recognise the right of the child to be protected from economic exploitation”.

Nirringrazzjak u nselli ghalik.

Tislijiet,

Arnold Cassola

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

**DEĊIŻJONI LI ILMENT MA JIĠIX INVESTIGAT**

*Deċiżjoni Parzjali*

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 153 |
| **Allegazzjoni:** | Użu indebitu ta' fondi pubbliċi mill-Ministru Miriam Dalli u mis-Sur Steve Ellul bħala Kap Eżekuttiv tal-aġenzija Project Green |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 2 ta' Mejju 2023 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni Parzjali:** | 13 ta' Ġunju 2023 |

**L-Ilment**

1. Fit-2 ta' Mejju 2023 il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) bagħat email lil dan l-Uffiċċju fejn għamel riferenza għall-persuni fuq indikati. L-Ilmentatur inkluda ukoll rapport ippubblikat fit-2 ta' Mejju 2023 u li deher fuq is-sit elettroniku ta' *The Shift News* intitolat *"Ira Losco promoting politicians through public contract"*.[1]

2. Jirriżulta li s-Sur Steve Ellul, li hu msemmi fl-ilment u fl-istess rapport, huwa l-Kap Eżekuttiv ta' Project Green, aġenzija fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

[1] Ara https://theshiftnews.com/2023/05/02/ira-losco-promoting-politicians-through-public-contract/.

3. Skont l-artiklu 3 tal-Att Dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), l-istess Att li ikkostitwixxa dan l-uffiċċju japplika għal:

> *(a) Membri tal-Kamra tad-Deputati inklużi Ministri, Segretarji Parlamentari u Assistenti Parlamentari;*
>
> *(b) Persuni ta' fiduċja biss inkwantu għandhom ikunu fis-setgħa tal-Kummissarju, li jimxi jew fuq deċiżjoni tiegħu stess jew wara li jirċievi lment, li jinvestiga u jirrapporta lill-Kamra tad-Deputati dwar jekk persuna ta' fiduċja tkunx kisret id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika li hemm fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika li għalih il-persuni ta' fiduċja għandhom bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda ħtieġa oħra, ikunu soġġetti.*
>
> *(2) Dan l-Att japplika wkoll għal kull persuna oħra jew kategorija ta' persuni kif il-Ministru jista' b'regolamenti, imsaħħa b'riżoluzzjoni affermattiva tal-Kamra tad-Deputati, jippreskrivi.*

4. L-artiklu 2 tal-Att jiddefinixxi persuna ta' fiduċja b'mod limitat bħala:

> *(i) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Ministru; jew*
>
> *(ii) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Segretarju Parlamentari; jew*
>
> *(iii) persuna ingaġġata f'każ illi kariga tibqa' vakanti wara sejħiet pubbliċi ripetuti għall-ingaġġ; jew*
>
> *(iv) persuna li tkun ġiet ingaġġata skont il-proċedura stabbilita taħt l-artiklu 6A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.*

5. Dwar is-sinifikat ta' dan l-aħħar artiklu u tal-artiklu 6A tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika li għalih jagħmel riferenza, dan l-Uffiċċju diġà esprima ruħu fid-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2023 dwar l-ilment numru 154, liema ilment sar mill-istess ilmentatur. Peress illi s-Sur Ellul ma jinkwadrax taħt l-artikli rilevanti tal-liġijiet elenkati iktar 'il fuq, ma tistax issir investigazzjoni fil-konfront tiegħu minn dan l-Uffiċċju.

6. Għaldaqstant, għar-raġunijiet surreferiti, dan l-Uffiċċju ma jistax jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ilment fir-rigward tas-Sur Ellul biss, dan mingħajr preġudizzju għall-kumplament tal-ilment u kwalunkwe investigazzjoni li tista' tkun xierqa fil-konfront tat-terzi indikati mill-Ilmentatur.

7. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni parzjali li mhux se ssir investigazzjoni fil-konfront tas-Sur Ellul, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat minn dan l-uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

14 ta' Ġunju 2023

L-Onor. Dr Miriam Dalli MP
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Bl-email fuq miriam.dalli@gov.mt

Onorevoli Ministru,

**Riklami ta' Project Green fuq Facebook li jittaggjaw il-paġna tiegħek**

Dan l-Uffiċċju rċieva ilment dwar posts minn Ira Losco fuq Facebook li ġew ikkummissjonati mill-aġenzija Project Green u li jittaggjaw il-paġna personali tiegħek fuq Facebook. Dan l-Uffiċċju għadu qed jagħmel indaġni preliminari dwar l-ilment u se jikkomunika miegħek formalment dwaru meta jkun il-waqt.

Fil-kors tal-indaġni preliminari tiegħu dwar l-ilment, dan l-Uffiċċju sab li l-aġenzija Project Green stess ippubblikat xi sponsored posts fuq Facebook, fejn ġiet "tagged" il-paġna personali tiegħek. Ġentilment mitluba tara l-iscreenshots annessi.

Għandi ninformak li hija prattika etikament dubjuża li l-paġni personali ta' individwi jiġu "tagged" f'posts uffiċjali jew posts imħallsa minn fondi pubbliċi, b'mod partikolari meta jkunu sponsored posts. Dawn jistgħu jesponuk għall-akkuża li qed tibbenefika minn pubbliċità personali permezz ta' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. Għaldaqstant nistiednek tagħti l-istruzzjonijiet li jidhirlek xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Din l-ittra hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' investigazzjoni dwar l-isponsored posts in kwistjoni, jekk dan l-Uffiċċju jirċievi ilment dwarhom.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Project Green**
Sponsored
ID: 224721460300231

ARA: 🌳Is-16-il proġett ta' spazju miftuħ aħdar ġdid li se jgawdu minnhom in-nies.

MaltaGov | Sostenibilità | Miriam Dalli | Steve Ellul




**Project Green**
Sponsored
ID: 2123629094659895

MT Bosta komunitajiet se jgawdu minn 🌳spazji miftuħa ħodor b'sittax-il proġett f'lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, proġetti li se jagħtu nifs ġdid lill-komunità.

Madwar 110,000 persuna se jkollhom dawn l-ispazji ftit minuti bogħod mid-dar, fejn jistudjaw jew fejn jaħdmu. 🟢

GB Various communities will benefit from 🌳new green open spaces with sixteen community greening projects around Malta and Gozo.

Around 110,000 people will be able to access these new spaces a few minutes away from home, place of study or work. 🟢

MaltaGov | Sostenibilità | Miriam Dalli | Steve Ellul





**Project Green**
Sponsored
ID: 1334195877449013

MT Dawn huma 4 mis-16-il proġett li ppreżentajna lbieraħ. Proġetti li se jipprovdu🌳 kwalità ta' ħajja aħjar għal aktar minn 110,000 ruħ.

GB These are 4 of the 16 projects which we presented yesterday. Projects that will 🌳provide a better quality of life for over 110,000 people.

🟢Green Shelter | Gzira Local Council
🟢Ġnien Reggie Cilia | Kunsill Lokali Mosta
🟢Piazza Victor Denaro | Kunsill Lokali L-Imsida
🟢Taż-Żebbuġ Picnic Site | Kunsill Lokali Hal Ghaxaq

MaltaGov | Sostenibilità | Miriam Dalli | Steve Ellul



Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT F

22 ta' Ġunju 2023

L-Onor. Dr Miriam Dalli MP
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Bl-email fuq miriam.dalli@gov.mt

Onorevoli Ministru,

**Ilment nru 153 dwar posts ta' Ira Losco fuq Facebook li jittaggjaw il-paġna personali tiegħek**

Kif diġà informajtek fl-ittra tiegħi tal-14 ta' Ġunju 2023, dan l-Uffiċċju rċieva ilment dwar posts minn Ira Losco fuq Facebook li ġew ikkummissjonati mill-aġenzija Project Green u li jittaggjaw il-paġna personali tiegħek fuq Facebook. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra bħala d-Dokument A.

Dan l-Uffiċċju diġà kkomunika mal-Aġenzija Project Green għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħu dwar l-ilment, u ingħata iskambju ta' emails li permezz tagħhom l-Aġenzija ikkummissjonat il-posts in kwistjoni. Dawn l-emails huma annessi bħala d-Dokument B.

Dan l-Uffiċċju diġà kkomunika wkoll mal-ilmentatur u mar-rappreżentant legali ta' Project Green u l-Kap Eżekuttiv tagħha s-Sur Steve Ellul, sabiex javżahom li l-ilment mhux qed jiġi kkunsidrat fir-rigward ta' Project Green u s-Sur Ellul billi dawn ma jaqgħux taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari ta' dan l-Uffiċċju, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitluba tagħti l-veduti tiegħek dwar l-ilment safejn jirrigwarda lilek.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 21 ta' Lulju 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

DOKUMENT G

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR THE ENVIRONMENT,
ENERGY AND ENTERPRISE

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email fuq office@standardscommissioner.com

L-Erbgħa 19 ta' Lulju 2023

Għażiż Prim Imħallef Emeritu,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tat-22 ta' Ġunju 2023 intitolata **Ilment nru 153 dwar posts ta' Ira Losco fuq Facebook li jittaggjaw il-paġna personali tiegħek.**

Mingħajr ma nidħol fil-mertu tad-diskors użat fl-ilment li sar lilek, nixtieq ninfurmak li jien ma dħalt fl-ebda kuntratt kif allegat. Inoltre, u hawnhekk nissottometti limitament għall-indagni preliminari tal-uffiċju tiegħek hekk kif indikat fl-ittra tiegħek, ninfurmak li l-ittaggjar tal-profil personali tiegħi fl-ebda ħin ma kien awtorizzat minni, lanqas ma sar fuq talba jew struzzjonijiet tiegħi.

Nikkonferma li la jien u lanqas ħadd mill-persuni adetti fil-kommunikazzjoni tal-Ministeru tiegħi ma kienu nvoluti fil-ġestjoni tal-kommunikat in dezamina, fil-korrispondenza u/jew negozjati illi saru bejn l-entita Project Green u Ira Losco.

B'referenza għall-kommunikazzjoni tal-uffiċju tiegħek datata l-14 ta' Ġunju 2022 jiena tlabt lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Project Green, sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha u jara li ma jsirx tagging tal-profil tiegħi kull meta jkun hemm *sponsored posts*.

Tlabtu ukoll biex jagħti direzzjoni ċara lil min qed jiġġestixxi l-kommunikazzjoni ta' dik l-entita ħalli dan ma jerġax isir fil-futur.

Qiegħda nannetti l-korrispondenza li kelli mas-Sur Steve Ellul (Kap Eżekuttiv ta' Project Green) f'dan ir-rigward.

Nittama li din l-ispjegazzjoni tiċċara l-pożizzjoni tiegħi f'din il-vertenza.

Nibqa disponibbli għal kwalunkwe kjarifika li jkun hemm bżonn.

Dejjem tiegħek,

Miriam Dalli
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Barriera Wharf, Valletta, Malta
T +356 2291 7332 E miriam.dalli@gov.mt

www.energy.gov.mt

DOKUMENT G1

**Subject:** Re: Tagging on sponsored posts
**Date:** Friday, 30 June 2023 at 20:06:16 Central European Summer Time
**From:** Ellul Steve at Project Green
**To:** Dalli Miriam at MEEE

Dear Minister ,

Kindly note that I have instructed the employees handling social media at Project Green to immediately stop such tagging as soon as I became aware of the said complaint.

Needless to such action will not re occur as specific instruction has been given in this regard.
Unfortunately such tagging was made by way of oversite, and we apologise for any inconvenience created.

Steve Ellul
CEO, Project Green

---

**From:** Dalli Miriam at MEEE <miriam.dalli@gov.mt>
**Sent:** Wednesday, June 28, 2023 8:41:24 PM
**To:** Ellul Steve at Project Green <steve.ellul@project.green>
**Subject:** Tagging on sponsored posts

Dear Steve,

I refer to three sponsored posts published by Project Green which were brought to my attention by the Commissioner for Standards. From what I received it seems that in these posts my personal social media page was tagged.

As you are fully aware I did not instruct any such tagging. Given the above and to avoid any undue issues, kindly remove tags to my personal pages in sponsored posts and please refrain from tagging any personal pages on official posts which are sponsored.

Regards,

Miriam DALLI

# Sommarju tax-xhieda ta' Ira Gravina Losco

| | |
|---|---|
| Każ: | K/051 |
| Data: | 23 t'Ottubru 2023 |
| Preżenti: | Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali<br>Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur<br><br>Ira Gravina Losco |

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta l-ġurament lix-xhud Ira Gravina Losco, u fakkarha illi hi mhijiex qed tiġi investigata minnu.

**Kif is-Sa. Gravina Losco bdiet taħdem ma' Project Green**

Is-Sa. Gravina Losco ġiet mistoqsija kif waslet għall-ftehim ma' Project Green li huwa s-suġġett tal-ilment. Is-Sa. Gravina Losco qalet li l-ewwel persuna li kienet ċemplitilha kienet Pamela Cann Rodgers, impjegata ta' Project Green. Qalet li Cann Rodgers:

> *"kienet rat xi posts illi ntella' jiena meta mmur xi parks mat-tfal. Hemm minnhom li kienu ta' Project Green hemm minnhom li le, għax dejjem infittex xi postijiet biex immur mat-tfal, erm, u staqsietni jekk iniex interessata nkun speċi ta' brand ambassador għal Project Green. Jien imbagħad ovvjament għidtilha li by email ħa nibgħatilha r-rati tiegħi bħala influencer għax dana huwa xogħol illi nagħmel jiena minbarra x-xogħol tiegħi. Erm, insomma bgħattilha r-rati u ftehmna over email li ser nagħmel ċertu tip ta' xogħol illi mmur il-parks, u nieħu xi ritratti u ntella' xi posts, and that's it really. And every month I will get paid.[1] "*

**Il-ftehim bejn is-Sa. Gravina Losco u Project Green**

Mistoqsija dwar x'kien jikkomprendi l-ftehim, is-Sa. Gravina Losco qalet:

> *"Mela, jiena, kelli intella' per eżempju, ġiex posts, mingħalija kull xahar, erm u ovvjament nittagja 'l Project Green u Sostenibilità Malta. Erm, at some point, fil-bidu ta' dan il-ftehim, erm hi bagħtitli messaġġ illi jien għandi bżonn nittagja lil Project Green, Sostenibilità Malta, Miriam Dalli u Steve Ellul, which I did for three posts, till I got called by Shift News...[2]".*

Is-Sa. Gravina Losco qalet li dan kien l-uniku mument li irċeviet din it-talba. Qalet:

> *"Ovvjament I hadn't thought much of it, any of it, and I just did it, for three posts. Then obviously there was the whole controversy, I hate being part of controversy, I don't need it in my life, so I stopped tagging, I just tagged Project Green and Sostenibilità Malta. And then I continued obviously with my work that I was required to do. They basically used to give me a new park that just opened for example, I'd go and visit, either with my children or alone, depending on what the park offers,*

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda 00:31
[2] Reġistrazzjoni tax-xhieda 01:41

*jien naf for example the University park I went alone, the parks where children can play I went with them, and I post.*[3]*".*

**Whatsapp messages ma' Pamela Cann Rodgers**

Is-Sa. Gravina Losco għamlet riferenza għal skambju ta' messaġġi li ntbagħatu bil-Whatsapp bejnha u Cann Rodgers fejn iddiskutew x'kellha tagħmel is-Sa. Gravina Losco bħala parti mill-ftehim. Is-Sa. Gravina Losco indikat eżempji ta' dawn il-messaġġi fuq il-mobile tagħha. Mistoqsija biex tforni l-*iscreenshots* ta' dawk il-messaġġi, kif ukoll reġistrazzjonijiet li dehru li kienu rilevanti għad-diskussjonijiet li saru fil-kuntest tal-ftehim, kien hemm qbil li s-Sa. Losco Gravina tfornihom permezz ta' email wara l-laqgħa.

**It-tagging ta' Miriam Dalli u Steve Ellul fil-posts**

Mistoqsija jekk ittaggjatx lil Miriam Dalli minħabba xi struzzjonijiet li rċeviet mingħand Project Green, is-Sa. Gravina Losco kkonfermat li dan kien il-każ u li kienet tikkommunika biss ma' Pamela Cann Rodgers[4].

Fir-rigward tat-*tagging* ta' Miriam Dalli u Steve Ellul fil-posts tagħha, mistoqsija jekk fl-opinjoni tagħha, Pamela Cann Rodgers kienet qed taġixxi fuq inizjattiva tagħha meta staqsietha biex tittagja 'l Ministru, s-Sa. Gravina Losco qalet li ma tafx. Qalet "*għalija it was just like something I was asked to do and I just did it, because when I do work for other clients I'm asked to tag this that and the other and – fis-sens it just comes naturally to do it but I don't know*" [5].

Mistoqsija jekk xi ħadd qallha biex ma tkomplix tittagja lill-Ministru Dalli wara li ppostjat it-tliet ritratti, qalet "*no, no one told me but they were right after each other. On Instagram they are still there, the posts are still there with the tags, I did not remove those. So the three where I tagged the Minister and Steve Ellul are still there and they're in the same period of time, like a week or so*" [6].

**Kuntatt mal-Ministeru għall-Ambjent u Project Green**

Mistoqsija jekk kellha kuntatt dirett mal-Ministeru għall-Ambjent, is-Sa. Gravina Losco qalet li qatt ma kellha kuntratt dirett mal-Ministeru, mal-Ministru Miriam Dalli jew mas-Sur Steve Ellul[7].

Mistoqsija dwar il-kommunika li kellha ma' Project Green, u l-ex Uffiċjal Kap Ezekuttiv Steve Ellul in partikolari, is-Sa. Gravina Losco qalet li s-Sur Ellul kien ikkoppjat fl-emails li ntbagħatu bejnha u bejn Cann Roders, u għalhekk indirazzatu fl-emails tagħha - "*so my only email where I address him I believe was the one where I am accepting or actually no, not accepting, saying what my rate is for the work done*" [8].

Sommarju magħmul minn: Dr Sarah Pace Warrington

Data tal-aħħar reviżjoni: 19 ta' Jannar 2024

[3] Reġistrazzjoni tax-xhieda 04:43
[4] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:23
[5] Reġistrazzjoni tax-xhieda 06:49
[6] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:40
[7] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:24
[8] Reġistrazzjoni tax-xhieda 06:02

DOKUMENT I



10:11
Bolt
1 min
78
70
Pamela Cann Rodgers
Hemm wheelchair accessible picnic tables 18:00
U one of the biggest parks in the south of malta 18:00
Benghajsa Family Park 18:00
L unika haga li ma hemmx parking ezatt mieghu so there is an 8 minute walk to park ghax there is a dedicated site 18:01
Pamela Cann Rodgers
L unika haga li ma hemmx parking ezatt mieghu so there is an 8 minute walk to park ghax there is a dedicated site
Qed intik heads up (ovjament dont promote the parking when discussing parks) 😅 18:01
Tag project green pls - very imp 18:02
Stories + one post 18:02
Ok excellent xx 18:15
Pamela Cann Rodgers
Ga fethitu l ministru last month 😅




10:12
Bolt
77
70
Pamela Cann Rodgers
Pro bono hij hahaha 20:36
HHha 20:38
*hahah 20:38
Aw aghmilli pjacir take down the stories where there is parks tagged 20:38
Ghax we are trying to kill the page down 20:38
Parks no longer exists 20:38
It is PG 20:38
Ok xx 20:42
Put them up again but with project green 20:47
Eliminated parks 20:47
Queen 21:05
Grazzi ta kollox! 21:05
Have a Gn xx this weekend I'll do Benghajsa
Yes thank you ta kollox! Good



10:12 5G 77

70 Pamela Cann Rodgers

19 Apr 2023

Ira tood afternoon boss 13:37

*good 13:37

When you are tagging, can you tag pls project green, sostenibbilta, Miriam Dalli and Steve Ellul 13:38

Hey 👋 yes 13:51

You
0:20

regarding this yes pls, send it later ideally 13:52

5th month nahseb l-ahjar 13:52

Pamela Cann Rodgers
When you are tagging, can you tag pls project green, sostenibbilta, Miriam Dalli and Steve Ellul

it is imp that both minister and ceo are tagged u parks is omitted 13:52

Ok 👍 13:52

Pamela Cann Rodg…
5th month nahseb l-ahjar

# Sommarju tax-xhieda ta' Pamela Cann Rodgers

Każ: K/051

Data: 20 ta' Novembru 2023

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Charles Polidano, Direttur Ġenerali
Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur

Dr Pamela Cann Rodgers

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta l-ġurament lix-xhud Dr Pamela Cann Rodgers, u fakkarha illi hi mhijiex qed tiġi investigata minnu.

**Il-kariga ta' Pamela Cann Rodgers u kif sar il-ftehim bejn Project Green u Ira Losco**

Dr Cann Rodgers ikkonfermat li hija impjegata tal-aġenzija Project Green. Qalet li hija Head of Communications u Stakeholder Management għal Project Green, u li prattikament tieħu *"ħsieb il-kommunikattiva kollha li toħroġ minn Project Green, li tvarja minn press releases, press conferences"* [1]. Apparti minn dan, Dr Cann Rodgers qalet li bħala parti mill-irwol tagħha jkollha kuntatt mal-midja, u tieħu ħsieb stakeholder management, jiġifieri li tiltaqa' mal-kunsilli, u man-nies li jkollhom x'jaqsmu mal-proġetti ta' Project Green[2].

Fir-rigward tal-ftehim li sar bejn Project Green u s-Sa. Ira Losco, meta ġiet mistoqsija jekk kienet ikkuntattjat lis-Sa. Losco hi l-ewwel darba, Dr Cann Losco spjegat li s-Sa. Losco hija persuna famuża f'Malta, b''*following*' kbir fuq il-mezzi soċjali, u fl-opinjoni tagħha hija persuna li għandha fost l-ikbar *followings* f'Malta. Peress li s-Sa. Losco tħobb l-ambjent, u ġieli ħadet pożizzjoni favur l-ambjent, kif ukoll għaliex kienet iżżur il-parks, Dr Cann Rodgers qalet li kienet tagħmel sens li Project Green jikkollabora magħha biex hi tgħin fil-promozzjoni tal-użu tal-parks[3].

**Kif saret il-kommunikazzjoni mas-Sa. Losco**

Mistoqsija jekk ingħatatx struzzjonijiet biex tikkomunika mas-Sa. Losco, Dr Cann Rodgers qalet "*le ta*" [4]. Mistoqsija jekk kienet l-idea tagħha, qalet *"eżatt, eżatt, as in, jiena l-persuna li jiena*

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda 00:51
[2] Reġistrazzjoni tax-xhieda 00:47
[3] Reġistrazzjoni tax-xhieda 01:41
[4] Reġistrazzjoni tax-xhieda 02:17

*responsabbli mill-kommunikattiva, jiġifieri awtomatikament ċertu affarjiet huma iktar responsabbiltà tiegħi. Erm, hija deċiżjoni normali naħseb, at least, li actually jieħdu, l-uffiċjali tal-kommunikattiva"*[5].

Peress li dan il-ftehim kien se jimplika n-nefqa ta' fondi pubbliċi, mistoqsija fuq dan il-punt, Dr Cann Rodgers qalet li *"dejjem ikolli l-approval ta', ta' fuqi ovvjament, imma l-inizjattiva ovvjament jiena nrissaqantha fuqi"* [6]. Mistoqsija allura jekk kellha l-approval ta' xi ħadd fuqha fir-rigward ta' dan il-ftehim, Dr Cann Rodgers qalet *"mela mela mela"* [7] u *"CEO, hekk hu"* [8]. Ikkonfermat li dan kien is-Sur Steve Ellul, li dak iż-żmien kien l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Project Green.

**Il-ftehim mas-Sa. Losco**

Dr Cann Rodgers spjegat li:

> *"il-ftehim kien prattikament li kellha żewġ parks fix-xahar, iżżur żewġ parks fix-xahar u wieħed event, jiġifieri aħna awtomatikament biex in-, in-, nippromwovu anke l-użu tal-parks konna nikkreaw ukoll events biex in-nies inġibuhom u jaraw ukoll l-ambjent, erm u hi l-irwol tagħha kien prattikament li tiġi u tiġbed xi filmati biex tippromwovi dawn l-events, jiġifieri dan fil-verità huwa mezz kif aħna nġibu n-nies biex jużaw dawn il-parks. Imma, l-unika ħaġa li kien hemm, kien hemm it-tagging tal-Project Green"* [9].

Mistoqsija jekk dan kien ftehim normali għall-aġenzija, jew jekk kien it-tip ta' ftehim li l-aġenzija normalment ikollha ma' nies oħrajn, Dr Cann Rodgers qalet:

> *"ifhem, le aħna bħala aġenzija, aġenzija ġdida jiġifieri ma kienx hemm preċedent biex niftehmu, erm kienet xi ħaġa li jien ħriġt biha, jiġifieri ma kienx hemm xi ħaġa li hija standard biex niftehmu. U aħna fil-verità kieku għażilt brand ambassador, għax hekk jgħidulhom normalment, ieħor, probabilment il-ftehim kien ħa jkun ħarira żgħira differenti, għax inti skont il-profil tal-persuna taddatta erm, x'irwol ser ikollu f'dik il-kampanja, jiġifieri bdejna nikkunsidraw ukoll nies oħra li huma aktar attivi fl-isport eżempju, biex aħna nippromwovu l-użu tal-attività fiżika ġol-parks tagħna. Ovvjament dak il-ftehim kien ħa jkun ftehim differenti…"*[10].

Mistoqsija kif waslet għall-kundizzjonijiet li ġew inklużi fil-ftehim, Dr Cann Rodgers qalet:

> *"ara, biex inkun sinċiera ma tantx naf b'aġenziji li kien jaħdmu bil-, b'dat-tip ta' influencers. Iġifieri, jiena onestament ma kontx naf b'aġenzija oħra li taħdem b'dan is-sistema u qatt ma kont rajt xi ħaġa simili iġifieri il-, il-punt ta' preċedent tipo biex nara actually x'kien qatt*

[5] Reġistrazzjoni tax-xhieda 02:24
[6] Reġistrazzjoni tax-xhieda 02:59
[7] Reġistrazzjoni tax-xhieda 03:06
[8] Reġistrazzjoni tax-xhieda 03:09
[9] Reġistrazzjoni tax-xhieda 03:22
[10] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:33

*sar qabel kien limitat ħafna fil-każ tiegħi, erm, so ma tantx, le, ma tantx stajt nara erm tip ta' eżempji qabel"*[11].

Fir-rigward tal-parks li ntgħażlu minn Project Green bħala parti mill-ftehim, mistoqsija jekk ħadet xi direzzjoni mingħand xi ħadd fl-għażla tagħhom, Dr Cann Rodgers qalet *"normalment jien kont naħdem b'liem niftħu l-aħħar… jiġifieri liem jinfetaħ l-aħħar ovvjament kienet tmur hemmhekk biex tgħinna nippromwovuh"* [12].

**It-tagging ta' Project Green u Miriam Dalli fil-posts fuq il-mezzi soċjali**

Bħala parti mill-ftehim, Dr Cann Rodgers spjegat li kellu jsir tagging ta' Project Green fil-posts fuq il-mezzi soċjali, *"jiġifieri dik hija l-unika ħaġa li kienet imniżżla fl-email biex niftehmu, u l-, ovvjament, il-flus li tħallsu kienu abbażat, jiġifieri l-quote li ħarġet kienet ibbażat fuq dak il-ftehim"* [13].

Mistoqsija jekk kienet hi li qalet lis-Sa. Losco lil min kellha tittagja fil-posts tagħha, Dr Cann Rodgers qalet:

> *"mela, jien fil-11 t'April, fl-email, speċifikament għidtilha li trid tittaggja lil Project Green, u hi kkwotat fuq dak, fuq it-tagging ta' Project Green. Ġimgħa wara ovvjament, ħsibtha naqa' u bdejt nagħmel il-marketing plan, erm, u meta kienet qed tittella' l-posts għidtilha ukoll biex tittagja lill-Ministru u lis-CEO. Issa ovvjament nixtieq nirrimarka li l-prezz ma kienx inbidel, minn – jiġifieri baqa', flus ma ħallasniex jiġifieri għal dawk it-tags. Erm, ovvjament kienet tagħmel sens from a marketing perspective li inti fil-verità qed tilħaq ħafna iktar nies, jiġifieri inti meta tittagja, fuq 'my stories' speċjalment, titlalhom bħala notification u jkunu jistgħu jisharejawha, jiġifieri hekk inti għandek ir-reach ukoll tal-paġni tagħhom, jiġifieri, b'dak il-mod, qed nilħaq kważi d-doppju tan-nies u jiena dak kien l-interess tiegħi u, bħala persuna li jien responsabbli mill-, minn Project Green, li inti kemm jista' jkun erm, tilħaq kemm jista' jkun nies possibbli"* [14].

Dr Cann Rodgers qalet li din l-idea kienet tagħha personali. Mistoqsija għalfejn ħasbet li kellhom jiġu ttagjati l-Ministru u s-Sur Ellul, Dr Cann Rodgers qalet "*il-ħaġa li inti għandek awtomatikament iktar reach, jiġifieri dawn ikkollhom il-followers tagħhom, il-mument li inti tittagjahom, jitlalek fuq l-istories tagħhom u dawn jistgħu jagħmlu reshare u hekk tilħaq udjenza ferm ikbar*" [15] u "*imbagħad awtomatikament iżżid prattikament żewġ profili oħra u ser ikollok id-doppju*" [16].

Dr Cann Rodgers ġiet mitluba tispjega kif jaħdem is-sistema tat-tagging fir-rigward ta' dawk l-istories fejn is-Sa. Losco ttagjat lill-Ministru u lis-Sur Ellul. Mistoqsija jekk dawn kienu jkunu awtomatikament viżibbli għall-followers tagħhom ukoll, u għalhekk, il-followers tagħhom kienu jiġu nklużi fit-total ta' nies li raw il-posts in kwistjoni, Dr Cann Rodgers qalet "*inti*

---

[11] Reġistrazzjoni tax-xhieda 06:31
[12] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:14
[13] Reġistrazzjoni tax-xhieda 03:51
[14] Reġistrazzjoni tax-xhieda 04:07
[15] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:37
[16] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:48

*awtomatikament once li jagħmlu 'share' ovvjament ħa tkun qed, ħa jkunu qed jarawha aktar nies*" [17].

Mistoqsija jekk xi ħadd qatt indika li forsi ma tkunx idea tajba li l-Ministru Dalli tiġi ttagjata fil-posts, Dr Cann Rodgers qalet "*ma naħsibx, ma naħsibx, le, f'dan il-każ ta' Ira le safejn naf jien le. Wara, wara li nqalgħet ovvjament din imbagħad ħadna d-deċiżjoni li nieqfu nittagjaw*" [18].

Mistoqsija dwar din id-deċiżjoni, Dr Cann Rodgers qalet li d-deċiżjoni ġiet "*mostly minn, minn fuq, minn ta' fuqi*"[19], kemm min-naħa ta' Project Green kif ukoll "*u anke min-naħa tal-Ministeru ovvjament*" [20].

**Kommunikazzjoni mal-Ministru Dalli jew l-istaff tagħha**

Mistoqsija jekk qatt tkellmet mal-Ministru Dalli, Dr Cann Rodgers qalet "*fuq dan il-każ ta' Ira Losco le*" [21]. Mistoqsija jekk qatt tkellmet ma' jew kienet tikkoordina ma' xi membri tas-segretarjat jew staff tal-Ministru Dalli, Dr Cann Rodgers qalet li "*f'każ ta' openings iva, imma f'dan il-każ ta' Ira Losco le*" [22].

Sommarju magħmul minn: Dr Sarah Pace Warrington

Data tal-aħħar reviżjoni: 19 ta' Jannar 2024

[17] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:12
[18] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:45
[19] Reġistrazzjoni tax-xhieda 09:06
[20] Reġistrazzjoni tax-xhieda 09:10
[21] Reġistrazzjoni tax-xhieda 09:27
[22] Reġistrazzjoni tax-xhieda 10:01

DOKUMENT K

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

**11 ta' April 2024**

**Prim'Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Għażiż Prim'Imħallef Emeritu,

Dawn huma s-sottomisjonijiet finali tiegħi dwar l-ilment dwar riklami li ttaggjaw lill-paġna personali tiegħi.

**Involviment Ministerjali**

Għall-finijiet ta' kjarezza tajjeb niċċara illi la jiena u lanqas il-Ministeru tiegħi ma kellu involviment fl-ingaġġ ta' Ira Losco. Tajjeb nenfasiżża wkoll li l-istruzzjoni lil Ira Losco biex tittagja lili fil-posts, ma' gietx minni jew mill-Ministeru tiegħi.

Għalkemm Project Green hija aġenzija li taqa' taħt il-portafoll tal-Ministeru tiegħi, din l-aġenzija topera b'awtonomija u indipendenza fid-deċiżjonijiet tagħha ta' kuljum, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma' użu tal-fondi pubbliċi allokati lilha bis-saħħa tal-budget.

L-awtonomija ta' aġenziji bħal Project Green hija pilastru ta' governanza effettiva għaliex twassal biex entitajiet speċjalizzati jieħdu deċiżjonijiet operattivi abbażi ta' kompetenza teknika u speċjalizzata, dejjem bil-għan li jimplimentaw l-istrateġiji tal-Gvern.

**L-Impatt tal-Ingaġġ**

Mill-provi mresqa, jidher li l-kantanta popolari Ira Losco ġiet ingaġġata minn Project Green biex ittella' posts fuq l-accounts soċjali tagħha, fosthom Facebook u Instagram, u li fihom kellha tittagja lill-paġna ta' Project Green. Il-posts ta' Ira Losco kienu ntiżi biex jitqajjem għarfien dwar il-parks pubbliċi u l-spazji miftuħa li kienet qed tieħu ħsieb l-aġenzija. L-involviment ta' personalita' popolari Maltija jżid l-kuxjenza dwar dawn l-inizjattivi u jinkoraġġixxi lill-pubbliku jżur dawn il-postijiet pubbliċi ġodda u jgawdijhom.

Fit-testimonjanza tagħha, il-*Head of Communications* ta' Project Green iġġustifikat it-*tagging* billi qalet illi riedet iżżid r-*reach*, jiġifieri l-firxa tal-*post* u n-numru ta' nies esposti għalih. Dan ir-*reach*

Xatt il-Barriera , Valletta, Malta
T +356 2291 7332 E miriam.dalli@gov.mt

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

sintendi kien ħa jkun ferm ikbar jekk Ira Losco tittagja wkoll lili għaliex dik il-post tiġi tidher ukoll fuq il-paġni tal-persuni *tagged* u għalhekk tiġi esposta wkoll għas-segwaċi ta' dawk il-paġni.

Filwaqt li Ira Losco diġa għandha *following* kbir ħafna, b'157,000 fuq Facebook u 82,000 fuq Instagram, jiena għandi 66,000 *follower* fuq Facebook u 21,000 *follower* fuq Instagram, Project Green għandha 4,500 *followers* fuq Facebook u kważi 1,000 fuq Instagram.

It-*tagging* tal-paġna personali tiegħi għalhekk ma' kienx intiż biex jippromwovi lili. Fil-fatt, fil-*posts* fejn ġejt ittagjata jiena, Ira Losco ma tgħid xejn la dwarhi u lanqas dwar il-Ministeru tiegħi: il-*posts* huma unikament u limitatament dwar il-park partikolari li kienet żaret. Imkien fil-posts ma' tfaħħarni personalment, u mkien ma' tagħmel xi stqarrija jew dikjarazzjoni ta' natura politika, wisq anqas partiġġjana. Il-*posts* jikkomunikaw informazzjoni fattwali u jħeġġu lin-nies iżuru l-parks u l-ġonna in kwistjoni. It-*tagging* ma' kienx intiż biex nibbenefika jien mill-pubbliċita', iżda sar bl-iskop uniku li l-*posts* jaslu għand firxa wiegħsa ta' nies. Tajjeb ukoll insemmi, li l-budget allokat għal dawn ir-riklami baqa' l-istess (€5,000), u għalhekk it-*tagging* tal-paġna tiegħi ma' kellu ebda impatt fuq ir-riżorsi pubbliċi.

**Konklużjoni**

L-ingaġġ ta' Ira Losco minn Project Green kienet inizjattiva strateġika ta' Project Green biex tippromwovi inizzjattivi ambjentali tal-aġenzija u tesponi tali inizjattivi lil firxa wiesgħa ta' nies għad-diversita' kbira ta' ġonna u spazji oħra pubbliċi.

In-nefqa ta' dan l-ingaġġ, fis-somma ta' €5,000, tirrappreżenta investiment relattivament żgħir u t-*tagging* tiegħi ma żied xejn ma' din l-ispiża. In-nuqqas ta' involviment minni u mill-Ministeru tiegħi jenfasizza l-indipendenza u l-awtonomija operattiva ta' Project Green.

Għal dawn ir-raġunijiet, umilment nissottometti illi l-ingaġġ in kwistjoni, u t-taggings fil-posts, ma jikkostitwixxix abbuż ta' fondi pubbliċi iżda pjuttost jirrappreżenta strateġija prudenti u effettiva għall-għarfien pubbliku dwar proġetti ambjentali intiżi għat-tgawdija tal-familji tagħna bla ebda ħlas.

**Dr Miriam Dalli**

**Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġinerazzjoni tal-Port il-Kbir**